MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2013

Numru. 721/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**John Axisa**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Axisa detentur tal-karta tal-identita` numru 609644M.

Akkuzat talli nhar id-19 ta' Gunju 2012, ghal habta tas-sebgha u tmien minuti ta' filghodu (0708hrs) gewwa Triq Tul il-Kosta, Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti waqt li kien qieghed isuq vettura bil-mutur tal-ghamla Peugeot, tip 3008, bin-numru tar-registrazzjoni JJJ999:

a. Talli kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Savio Vasallo ai termini tal-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-mutur tal-ghamla Honda tip CB900 bin-numru tar-registrazzjoni HOT919 proprjeta` ta’ Savio Vassallo, ai termini tal-Artikolu 328 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c. Talli fl-istess data, hin, lok u cikostanzi saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni JJJ999 b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni jew b’mod perikoluz ai termini tal-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f’kaz ta’ htija barra mili tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.;

Rat id-dokumenti pprezentati; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni tal-imputat tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghal sewqan perikoluz, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 226, 328 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-imputat John Axisa tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih hlief ghal sewqan perikoluz stante li ma gietx ippruvata u tikkundannah multa ta’ seba’ mitt Ewro (€700) flimkien ma’ sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem dekorribbli min-nofs il-lejl ta’ ghada filghodu.

Inoltre il-Qorti a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghall-ispejjez tal-inkjesta li jammontaw ghal elf erbgha mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,429.21) b’xahrejn sabiex ihallas l-istess ammont. Fin-nuqqas tal-hlas relattiv fiz-zmien

stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi.

Finalment il-Qorti spjegat fi kliem semplici l-import ta' tali decizjoni u l-konsegwenzi jekk tali decizjoni ma tigix osservata, u tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------